MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 475/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Brian Fenech**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Brian Fenech talli fil-25 ta' Diċembru 2009 għall-ħabta tal-04.40hrs ġewwa Triq Tul il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq, l/o Naxxar saq vettura numru BRI-582 b'nuqqas ta' ħsieb, bi

traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar- regolamenti tat-traffiku u ħabat ma' vettura b'numru JSF-167 u nvolontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Annabelle Mifsud skond ma ċċertifika Dr. Duncan Xuereb MD (2970) mill-MDH; kif ukoll ikkaġuna ġrieħi nvolontarji ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Marica Galea skond ma ċċertifika Dr. Carlo Refalo MD (3235) mill-MDH u fuq il-persuna ta' Sandra Falzon skond ma ċċertifika Dr. K.B. Theuma MD (5201); kif ukoll ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Josef Aquilina skond ma ċċertifika Dr. N. Spiteri MD (3238) mill-MDH;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 30(1)(b) u 328 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Brian Fenech ħati u kkundannatu terminu ta' xahrejn priġunerija sospiżi għal sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif ukoll ordnat l-iskwalifika ta' l-istess Brian Fenech mil-liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' sena, ai termini tal-artikolu 30(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Brian Fenech ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata, u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni, ħtija u piena; alternattivament u biss f'każ li din il-Qorti tiċħad l-aggravji tiegħu fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija, l-appellant talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta għal waħda aktar miti u idoneja fid-dawl taċ-ċirkostanzi u n-natura tal-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ewlieni ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament korrett tal-fatti. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti ma qisitx sew id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident, u rat biss l-i*spot of impact* li kien fil-karreġġjata opposta għal dik li fiha kien qed isuq l-appellant. Għall-appellant huwa "arċi-evidenti" li l-posizzjoni li spiċċaw fiha ż-żewġ vetturi u l-ħsara subita fihom, tindika bla dubju li l-verżjoni korretta ta' kif seħħ l-inċident hi dik imressqa 'l quddiem minnu. Huwa jsaqsi x'sens jagħmel li kien qed isuq fil-karreġġjata opposta meta kien għaddej minn triq dritta. "Hu eskluż li hu għamel xi manuvra ta' sorpass, li kienet tkun l-unika manuvra li setgħet tispjega għala hu qabeż fil-karreġġjata opposta. L-appellant hu wkoll perpless kif l-Ewwel Qorti ma ratx li kien ferm aktar probabbli li min kien ħiereġ minn liwja jagħmel *miscalculation* tal-liwja u jispiċċa fil-karreġġjata opposta milli kien probabbli li min qed isuq fi triq dritta jispiċċa jsuq fil-karreġġjata opposta." L-appellant imbagħad ikompli jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

> "… il-fatt li l-vettura JSF-167 kellha l-parti ta' wara tagħha li għadha fil-karreġġjata opposta turi bla ħjiel ta' dubju li dak li s-sewwieq tal-vettura JSF-167 ipprova jagħmel kien li jdawwar u jdaħħal il-vettura misjuqa minnu fil-karreġġjata li fiha suppost kien qed isuq, mill-karreġġjata l-ħażina li fiha hu spiċċa meta kiser il-liwja.

> "Ukoll, kieku l-appellant kien qed isuq fil-karreġġjata l-ħażina, il-*buon sens* ma jgħidlekx li l-manuvra (anke istintiva) tkun li tipprova tiġbed il-vettura tiegħek lejn il-karreġġjata l-korretta? X'sens jagħmel li l-appellant kien ser idawwar il-vettura tiegħu aktar lejn il-karreġġjata l-opposta? U ma huwiex evidenti, mill-iskizz, li s-sewwieq tal-vettura JSF-167 kien qed jipprova jagħmel proprju dan, u cioe` li jġib il-vettura tiegħu lura fil-karreġġjata l-korretta mill-karreġġjata l-ħażina li kienet tinsab fiha.

> "Tajjeb ukoll li din il-Qorti teżamina sew il-mod evażiv li bih is-sewwieq tal-vettura JSF-167 wieġeb lill-Pulizija *a tempo vergine*, u tikkuntrastah mal-verżjoni ċara u konsistenti tal-appellant.

> "Illi l-Ewwel Qorti naqset milli tevalwa sew il-verżjonijiet tax-xhieda. Ma tat l-ebda piż lill-konsistenza tal-verżjoni tal-appellant, li baqa' dejjem konsistenti kemm f'dak li qal lill-Pulizija *a tempo vergine*, u kif ukoll f'dak li xehed quddiem il-Qorti. Mill-banda l-oħra wieħed jara l-verżjoni tal-persuni li kienu riekba fil-vettura JSF-167, u wieħed jinnota

inkonsistenzi massiċċi bejn dak li qalu *a tempo vergine* u bejn dak li xehdu quddiem il-Qorti.

"Mhux hekk biss, iżda l-isfortuna kbira li seħħet hi li billi l-impatt seħħ fil-karreġġjata opposta ta' fejn kien qed isuq hu (i.e. minn Pembroke lejn il-Qawra), donnu deher *prima facie* li kien hu li kkaġuna l-inċident. Iżda l-provi juru b'mod ċar li l-appellant kien kostrett li jagħmel din il-manuvra, u li kieku m'għamilx din il-manuvra, kienet isseħħ *head-on collision* li l-konsegwenzi tagħha kienu jkunu ċertament ferm agħar minn dawk li seħħew, u li fortunatament għall-manuvra li għamel l-appellant, id-dannu ġie kontenut. Iżda l-prezz li ħallas l-appellant għal dan kollu kien wieħed qares ferm.

"Hemm ukoll il-grad ta' prova rikjest f'dawn il-proċeduri. Fl-aħjar ipoteżi għall-prosekuzzjoni, l-Ewwel Qorti kellha quddiemha stat ta' fatt fejn il-verżjoni tal-persuni li kienu riekba fil-vettura JSF-167 kienet remotament possibbli, filwaqt li ma hemm l-ebda dubju li l-verżjoni tal-appellant mhux biss kienet possibbli iżda probabbli. Iżda l-Ewwel Qorti skartat, għal kollox, il-grad ta' prova li kienet mistennija tressaq il-Prosekuzzjoni, u l-grad ta' prova li kien jinkombi fuq id-Difiża li tressaq. Anke fuq dan l-aspett biss, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issib ħtija, peress li hu indubitat li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-inċident seħħ skond il-verżjoni tagħha, anzi l-appellant indubbjament ressaq provi, fosthom id-dinamika tal-posizzjoni li fiha spiċċaw il-vetturi wara l-ħabta, li ċertament juru, imqar fuq bażi ta' probabilita`, li l-inċident seħħ kif iddeskrivieh l-appellant."

**6.** Issa, dan l-aggravju ta' l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi u, kif kostantement ritenut, huwa prinċipju ormaj stabilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

**7.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qieset inverosimili l-verżjoni ta' l-appellant u daħlet fil-fond fir-raġunijiet li wassluha għal tali konklużjoni. Hija qalet hekk fis-sentenza tagħha:

"Ghall-grazzja tal-argument, halli niehdu l-verzjoni tal-imputat. Hu jghid li Aquilina baqa' jdur l-ahhar liwja u gie fil-karreggjata opposta, ezatt ghal fuq l-imputat. Huma t-tnejn ghamlu manuvra evaziva, billi Aquilina jmur lura ghall-karreggjata tieghu u l-imputat jaqsam ghall-karreggjata opposta. Li kieku verament gara hekk, il-vetturi ma kienux jispiccaw kif fil-fatt spiccaw, jigifieri jharsu lejn xulxin u ftit angolati ma' xulxin. Ghalhekk il-Qorti sejra tpoggi d-dinamika tal-incident fil-kuntest tal-provi cirkostanzjali jew indizzjarji f'dan il-kaz.

"Dan qed jinghad peress illi l-hsara fiz-zewg vetturi kienet wahda estensiva u pricipalment fuq in-naha ta' quddiem fit-tnejn li huma, u hija indikattiva ta' velocita` kwazi eccessiva. B'dik il-velocita` il-hsara kienet tkun ferm differenti li kieku l-vetturi habtu ma' xulxin huma u jippruvaw jevitaw lil xulxin. Fir-rikostruzzjoni tal-incident, il-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha l-fatt fiziku u matematiku li kull oggett li hu miexi ghandu certu momentum, li jikkorrespondi mal-piz tal-oggett u mal-velocita` tal-istess oggett. Tenut kont ta' zewg oggetti jahbtu hekk ma' xulxin, l-effett tal-impatt taghhom – in vista tal-momentum taghhom – huwa multiplikat. Li kieku dawn habtu huma u jippruvaw jiskapulaw lil xulxin, il-momentum taghhom kienet twassalhom biex ikollhom hsara estensiva fuq ix-xewka ta' quddiem u fuq il-genb l-oppost ta' xulxin. Jigifieri, il-vettura tal-imputat kien ikollha l-hsara ewlenija fuq in-naha ta' quddiem izda aktar lejn ix-xellug, kif ukoll fuq il-genb kollu tax-xellug, peress illi l-imputat qed ighid li hu kiser ghal fuq il-lemin tieghu, u l-vettura kienet tibqa' tkaxkar fuq ix-xellug taghha man-naha tal-lemin tal-vettura misjuqa minn Aquilina, sakemm tigi wieqfa mac-cint li hemm fil-genb tat-triq, in-naha tal-bahar. Il-vetturi ma waqfux ma' genb xulxin it-tnejn iharsu lejn il-bahar. Li kieku huma waqfu hekk, allura l-Qorti kienet taghti ragun lill-imputat fil-verzjoni tieghu. Izda peress illi waqfu kwazi jharsu lejn xulxin, dik il-verzjoni hi inverosimili ghall-ahhar.

"Inoltre, l-"accident spot of impact" huwa ghal kollox fuq il-karreggjata ta' Aquilina, dik qrib tal-bahar, u l-vetturi waqfu hekk kif habtu. Dan ifisser li l-momentum taghhom waqaf f'daqqa u gie assorbit kollu fil-hsara estensiva fil-faccati ta' quddiem taz-zewg vetturi. Li kieku l-vetturi qed jaghmlu manuvra evasiva kif qed jipprova jallega l-imputat, bil-momentum taghhom jibqghu miexjin ma' genb xulxin sakemm jahbtu mac-cint baxx li hemm fil-genb tat-triq u b'hekk jaqbzu l-i*spot of impact*, u jigu t-tnejn iharsu lejn il-bahar, u mhux iharsu lejn xulxin. Il-fatt, ghalhekk, li l-vetturi waqfu kif waqfu juri bic-car li l-habta kienet wahda frontali. Il-"final resting position" taghhom hija ftit perpendikolari ghas-semplici raguni li l-momentum taghhom igieghel il-vettura biex tinbezaq ftit lagenba minn wara, kif fil-fatt ghamlu z-zewg vetturi. Dan ghaliex vettura li tahbat ma' oggett iehor bil-fors toghla xi ftit minn wara mad-daqqa, peress illi l-momentum ikun qed jimbotta l-vettura dejjem 'il quddiem, u b'hekk il-vettura tperper ftit minn wara lejn naha jew ohra. Fl-ahhar lok, ghandu jigi nnutat li l-impatt sehh meta' l-vetturi kienu ghaddejjin b'velocita` sinjifikanti. Dan qed jinghad peress illi l-hsara fiz-zewg vetturi kienet wahda konsiderevoli, u l-griehi li sofrew in-nies kollha nvoluti fl-incident kienu

> kollha griehi ta’ certa portata. Fil-fehma tal-Qorti, hija hafna aktar verosimili li l-imputat, hu u niezel in-nizla ta’ Bahar ic-Caghaq, baqa’ hiereg ghal-lemin tieghu u gie fil-karreggjata opposta, fejn habat mal-vettura ta’ Aquilina.”

**8.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha u hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti setgħet raġjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet. Dan qed jingħad wara li din il-Qorti kkunsidrat il-posizzjoni tal-ħsarat fiż-żewġ vetturi, l-i*spot of impact* u l-posizzjoni li spiċċaw fiha l-vetturi. Mir-ritratti esebiti fil-fatt jidher illi d-daqqa ewlenija l-vettura ta’ l-appellant ħaditha fuq in-naħa tal-lemin ta’ quddiem u l-vettura ta’ Josef Aquilina ukoll fuq in-naħa tal-lemin ta’ quddiem. Jiġifieri d-daqqa ma seħħitx, kif jidher li l-appellant qiegħed isostni, u kif muri kemm fl-iskizz tal-Pulizija u, aktar u aktar, fl-iskizz esebit mill-appellant, ix-xewka tax-xellug ta’ quddiem tiegħu max-xewka tal-lemin ta’ quddiem tal-vettura ta’ Josef Aquilina. Għalhekk din il-Qorti ma tarax illi huwa possibbli illi Josef Aquilina kien kompletament fuq in-naħa ħażina tal-karreġġjata kif l-appellant jagħti wieħed x’jifhem fl-iskizz tiegħu. Josef Aquilina seta’ kien viċin il-linja medjana u l-appellant ħaseb illi ma kienx se jgħaddi u beda jiġbed lejn il-lemin tiegħu u b’hekk invada l-karreġġjata opposta u saret il-kolliżjoni fuq dik in-naħa tat-triq. Imbagħad l-appellant jgħid illi kien qiegħed isuq b’madwar 60 k.f.s. Fil-parti tat-triq mnejn kien ġej, il-limitu ta’ veloċita` kien diġa` ta’ 40 k.f.s. u għalhekk din kienet ukoll parti mir-raġuni li minħabba fiha seħħet il-kolliżjoni. Huwa minnu illi Annabelle Mifsud, li kienet passiġġiera ma’ Josef Aquilina, tgħid li kienu għaddejjin b’xi 50/60 k.f.s., iżda anke jekk kien hemm dan l-element ta’ kontributorjeta` da parti ta’ Aquilina, dan ma jeżimix lill-appellant mir-responsabbilta`.

**9.** Bħalma ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Lorenza Dimech** deċiż fis-27 ta’ Ġunju 2002:

> “Il-‘contributory negligence’ ma tezonerax li dak li jkun mir-responsabilta` kriminali jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App. Krim. Pul. vs. P. Vassallo; Kollez. Vol. XXXVIII , p. 883 u ohrajn.) F’sede Kriminali kull hadd iwiegeb ghall-agir tieghu, ammenoche` dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal htijiet da parti ta’ terzi (App. Krim.:

Pul. vs. Gaetano Schembri, 16.3.61; Pul. vs. John Polidano, 3.11.63; Pul. vs. Rev. C. Mifsud, Kollez. Vol. XXXVII p.1131 u ohrajn)."

**10.** It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis eċċessiva fiċ-ċirkostanzi.

**11.** Din il-Qorti tosserva illi l-appellant għandu kondotta nadifa. Inoltre dan ma kienx każ ta' traskuraġni grossolana jew ta' sewqan perikoluż. Di piu` din il-Qorti hi tal-fehma li kien hemm kontributorjeta` da parti tax-xufier tal-karozza JSF-167. Konsegwentement hemm lok ta' temperament fil-piena.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant Brian Fenech għal xahrejn priġunerija sospiżi għal sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u in kwantu ordnat l-iskwalifika ta' l-istess Brian Fenech mil-liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' sena, u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sitt xhur millum u tiskwalifikah mil-liċenzja tiegħu tas-sewqan għal perijodu ta' xahar millum. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Din il-qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reati oriġinali.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------